MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 808/1990/1

**Joseph Naudi Montaldo bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Montaldo Insurance Services Ltd. u dina bhala agent u in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera American Home Assurance Company, kif surrogota fid-drittijiet tal-assikurat taghha General Plastics Ltd., b'surroga datata 28 ta' Mejju, 1990, liema assikurat importa merkanzija li waslet Malta fl-24 ta' Lulju, 1989 fuq il-vapur 'Burgu'**

**v.**

**Joseph Bowman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' W. J. Parnis England Ltd., u dina in**

**rapprezentanza tas-socjeta` Transmar Shipping and Trading Co. Ltd. proprjetarji u/jew armaturi tal-vapur 'Burgu'; u l-istess Joseph Bowman nomine bhala agenti ta' l-istess vapur 'Burgu' li wasal Malta fl-24 ta' Lulju, 1989; u Godwin Abela u John Cavallo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Lulju, 1990 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc, l-attur nomine ppremetta:

"illi s-socjeta' General Plastics Ltd., impurtat gewwa Malta ghoxrin (20) 'pallet' materjal tal-'plastic' fuq il-vapur 'Burgu' li wasal Malta fl-24 ta' Lulju, 1989; illi meta l-vapur gie skarikat Malta u l-merkanzija giet ikkunsenjata lill-importatur, instab illi numru ta' 'bags' minn din il-merkanzija kienu mcarrta u bil-kontenut nieqes, u dan in-nuqqas kien relattiv ghall-polza tal-kariku numru wiehed (1) (Dok. A); illi, ghal dan in-nuqqas, is-socjeta` assikurattrici Montaldo Insurance Services Ltd., hallset lill-importatur, fl-interessi tas-socjeta` estera American Home Assurance Company, is-somma ta' sitt elef, mija u erbgha u disghin liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm6,194.63) ghan-nuqqasijiet fuq indikati skond is-surroga hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B; illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq indikati, dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti:-

"1. Tiddikjarhom responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mill-importatur General Plastics Ltd.;

"2. Tikkundannhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm6,194.63 bl-interessi skond il-ligi mit-28 ta' Mejju, 1990 in linea ta' danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

B'nota ta' l-eccezzjonijiet a fol. 25 tal-process il-konvenut Joseph Bowman eccepixxa:

"1. Preliminarjament l-attur noe jrid jiddikjara jekk il-pretenzjonijiet tieghu humiex in rem jew le peress li l-konvenut noe gie mharrek kemm bhala agent tal-vapur BURGU u kemm bhala rapprezentant tal-proprjetarju / armatur tal-vapur BURGU.

"2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-merkanzija tghabbiet taht kundizzjonijiet ta' F.I.O.S. u ghalhekk leccipjenti mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti.

"3. Illi kif jirrizulta mill-istess Bill of Lading ezebita mill-attur noe bhala Dok. A hemm imnizzel espressament li "on deck at Shipper's risk the carrier not being responsible for loss or damage howsoever arising ".

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

B'nota ta' eccezzjonijiet a fol. 28 tal-process il-konvenuti Godwin Abela noe fil-kwalita` tieghu premessa eccepixxa:

"1. Illi preliminarjament John Cavallo m'humiex direttur ta' l-istess socjeta konvenuta;

"2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine kkonsenjaw il-merkanzija "direct from under ship's tackle" u ghalhekk ma huma responsabli bl-ebda mod ghall allegati hsarat u nuqqasijiet;

"3. Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi noe.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tat-28 ta' Jannar 2004, billi, ghar-ragunijiet hemm moghtija cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"B'sentenza preliminari datata 11 ta' Lulju, 1991 dina l-Qorti diversament preseduta kienet iddecidiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Godwin Abela u John Cavallo noe fis-sens li c-citazzjoni tista' tibqa ghaddejja salv kull provi ulterjuri li jistghu jwasslu ghall-hrug mill-kawza ta' l-imsemmi John Cavallo. Fil-fatt provi ulterjuri ma ngabux izda anke kieku illum dina l-eccezzjoni tista' tigi sorvolata billi c-citazzjoni tista tigi proposta direttament fil-konfront tal-kumpanija.

"Dwar l-eccezzjoni preliminari ta' Joseph Bowman, fis-sentenza preliminari msemmija gie deciz ukoll li in kwantu c-citazzjoni hija direttta kontra Bowman noe huwa ghandu jigi liberat ab observantia tal-gudizzju in kwantu jinsab imharrek in rappresentanza tal-vapur Burgu, u jibqa' imharrek fl-ewwel vesti tieghu.

"Fil-mertu, fil-kaz in ezami xehed biss Joseph Bowman, General Manager ta' Parnis England, u qal li l-konsenja kienet importata FIOS cjoe free in and out stowed u r-responsabilita tal-vapur kienet li jwassal il-konsenja sal-moll. Imbaghad kellu jkun ir-ricevitur responsabbli biex ihott il-vapur u jiehu l-konsenja minn fuq il-vapur. F'dan il-kaz il-haddiema tax-Xatt jaghmlu dan ix-xoghol, imbaghad mill art, il-Cargo Handling hadet il-konsenja u poggietha fuq low loaders ghal gol sheds taghha. Wara mar ir-ricevitur bit-truckkijiet tieghu u ha l-konsenja.

"Skond il-klawzola FIOS the shipper pays for the cost of loading and discharging the cargo. (A.E.Branch: Elements of Shipping). Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenuti, Parnis England, ma kellhomx x'jaqsmu mad-discharging tal-merkanzija. Intuzaw il-cranes tal-vapur izda l-merkanzija ma gietx discharged mill haddiema tal-vapur.

Jirrizulta mid-dokumenti ezibiti li l-merkanzija giet mghobbija fuq il-vapur u skond il-bill of lading dan kien “clean”. Ma ngabet ebda prova li waqt it-tragitt il-merkanzija gratilha hsara. Inoltre gie pruvat li s-survey li sar fuq il-merkanzija, ma sarx meta l-merkanzija tnizzlet mll-vapur ghal fuq il-moll izda wara, ghalhekk ma giex verifikat fliema kondizzjoni kienet il-merkanzija meta nizlet minn fuq il-vapur.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-carrier ma jistax jinzamm responsabbli ghall hsarat li gew riskontrati fil-merkanzija.

“Kwantu ghall konvenuti l-ohra jirrizulta li l-merkanzija nhattet mill-istiva bil- cranes tal-bastiment mill-haddiema tax-xatt u tqieghdet fuq il-moll fejn imbaghad bil fork lifters tghabbiet fuq trakkijiet tal-konvenuti Cargo Handling u ittiehdet minn fuq il-moll ghax-sheds taghhom. Minn hemm dina l-merkanzija ittiehdet mir-ricevitur. Meta l-merkanzija waslet ghand ir-ricevitur irrizulta li kien hemm hsarat u nuqqas. Fis-survey report ara fol 11 hemm imnizzel li l-hsara grat minhabba “rough handling at various stages”. Jissemma li kien hemm “forklift scars at the bottom tier” u li l-probabilita’ hi li l-hsara grat minhabba l-uzu tal-forklifters u minhabba l-ixkejjer tqattaw bil-piz li kellhom fuq xulxin. Skond dan is-survey report jidher li d-danni setghu gew kawzati mill-haddiema tal-port u jew il-haddiema tal-Cargo Handling. Fil-process pero ma saritx prova min attwalment ikkawza l-hsara fil-merkanzija jekk hux il-haddiema tal-port meta nizzlu l-merkanzija minn fuq il-vapur jew meta l-haddiema tal-Cargo Handling meta haduha fix-sheds taghhom. Skond il-survey “A better indication of where the damages could have occurred would have been possible if goods were surveyed at discharge state.”

“Ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkonkludi definittivament li kienu l-konvenuti Cargo Handling li ghamlu l-hsara riskontrata.”

**L-appell ta’ l-attur fil-kwalita` tieghu fuq premessa.**

L-attur nomine hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fil-15 ta' Frar 2005, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kontroparti appellati.

Il-konvenut Joseph Bowman nomine intavola risposta ghar-rikors ta' l-appell ta' l-attur nomine billi talab li l-appell fil-konfront tieghu jigi michud bl-ispejjez inkwantu l-istess appell mhux dirett kontra dik il-parti tas-sentenza fejn "il-*carrier*" ossia l-appellat Joseph Bowman noe ma giex misjub responsabbli ghad-danni.

Is-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd la pprezentat risposta u lanqas dehret meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2007.

**Ikkunsidrat:-**
Jidher li l-aggravju ewlieni ta' l-attur jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet maghmula ghas-sentenza fuq riportata ma haditx in konsiderazzjoni diversi xhieda li kienu taw ix-xhieda taghhom u li, skond is-socjeta` appellanti, ghandhom juru li t-talbiet attrici, kif proposti, kellhom jigu milqugha u mhux michuda.

Mid-dikjarazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet li "*fil-kaz in ezami xehed <u>biss</u> Joseph Bowman*" [sottolinear ta' din il-Qort] jidher li effettivament l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni ta' dak li qalu xhieda ohra u cioe` Dr. Victor Ragonesi, Joseph Azzopardi, Paul Scerri, Joseph Naudi Montaldo u Juan Formosa, liema xhieda, skond kif dikjarat mill-partijiet prezenti fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2007, "*ma kienux disponibbli ghall-ewwel Qorti meta din ghaddiet biex testendi s-sentenza taghha."*

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju mressaq mis-socjeta` attrici huwa gustifikata inkwantu fid-deliberazzjonijiet taghha sabiex tasal ghad-decizjoni fuq il-mertu l-Qorti ghandha dejjem tiehu in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, anke jekk finalment uhud mill-provi jigu skartati bhala irrilevanti jew inaccettabbli. Inoltre jidher li f'dan il-kaz partikolari t-talba attrici giet michuda proprju

minhabba dan in-nuqqas billi filwaqt li l-ewwel Qorti, fuq il-provi minnha ezaminati, ikkonkludiet li "*l-carrier ma jistax jinzamm responsabbli ghall-hsarat li gew riskontrati fil-merkanzija*", ghaddiet biex tichad it-talba fil-konfront tas-socjeta` Cargo Handling Co. Ltd billi, dejjem fl-assenza tal-provi prodotti u mhux ezaminati, qalet: "*ma tistax tikkonkludi definittivament li kienu l-konvenuti Cargo Handling li ghamlu l-hsara riskontrata.*" Ghalhekk jidher li t-talba ghar-revoka tas-sentenza ghandha tigi milqugha.

Jibqa' biex jigi determinat jekk din il-Qorti ghandhiex, fic-cirkostanzi, tibghat l-atti lil-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti terga' tezamina l-kaz u tiddeciedi fuq il-provi in atti jew jekk huwiex il-kaz li, annullata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti ghandhiex tipprocedi sabiex tiddecidi l-mertu.

Jidher li l-kwistjoni hija regolata bl-Artikolu 233 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm dispost fis-subartikolu (1) li "*Meta Qorti fi grad ta' appell thassar sentenza u tilqa' t-talba ghad-danni jew imghaxijiet jew ghar-radd ta' utili, hija ghandha taghmel dik il-likwidazzjoni <u>minghajr ma tibghat lura l-atti</u> tal-kawza lill-qorti ta' l-ewwel grad, <u>sakemm</u> il-qorti ma tqisx li <u>ghal ragunijiet eccezzjonali</u> jkun fl-interess tal-gustizzja li tibghat il-kawza lura fil-qorti ta' l-ewwel grad.*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Ghalhekk jidher li din il-Qorti hija, in linea generali, moghtija l-fakolta` li tillikwida danni u imghaxijiet jew tordna r-radd ta' utili kemm-il darba s-sentenza ta' l-ewwel Qorti li tkun cahdet it-talba ghall-kundanna hlas ta' danni u imghaxijiet jew it-talba ghar-radd ta' utili tkun giet revokata u cioe` meta tali talba tkun giet milqugha. Din il-fakolta` diskrezjonali hija moghtija lil din il-Qorti bl-intendiment car li, f'kaz li din il-Qorti tqis li, ghar-ragunijiet eccezzjonali, jkun fl-interess tal-gustizzja, terga' tibghat l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel grad.

Ezaminati l-atti, din il-Qorti hija tal-fehma li anke mill-atti inizjali ta' din il-kawza, il-kwistjoni jekk kinitx grat hsara fil-merkanzija in kwistjoni kellha tigi milqugha, anke fuq is-semplici dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Naudi

Montaldo, billi ma jidhirx mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti li dan il-fatt, fih innifsu, kien qed jigi kontestat. Il-kontestazzjoni kienet min mill-konvenuti kellu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti fil-merkanzija *de quo*.

Issa dan l-appell, kif sewwa gie osservat fir-risposta ta' l-appell ta' Joseph Bowman nomine, mhux indirizzat lejn id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tan-non responsabbilita` tal-"*carrier*" izda fir-rigward tas-sejba ta' nuqqas ta' htija da parti tas-socjeta` The Cargo Handling jew id-dikjarazzjoni li ma hemmx provi konkludenti fil-konfront tar-responsabbilita` taghha billi, skond l-attur, l-hsara giet kagunata bil-'forklifters' uzati mill-istess socjeta` The Cargo Handling. B'dana kollu jigi rilevat li, fir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici, it-talba hija ghar-revoka tas-sentenza appellata u li din il-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti. Isegwi li l-kwistjoni kollha ghandha terga' tigi ezaminata sabiex jigi determinat jekk il-hsara u n-nuqqasijiet kienux responsabbilita` ta' wahda mis-socjetajiet konvenuti jew l-ohra.

Minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li d-danni sofferti mis-socjeta` assikurata mas-socjeta` attrici kienu kagunati sew minhabba nuqqasijiet kif ukoll minn hsara li grat fil-*pellets* meta dawn gew trasportati ghall-fabbrika tas-socjeta` assikurata. Hemm ukoll il-possibilita` li xi hsara fil-*pellets* grat fil-fabbrika tas-socjeta` assikurata u cioe` General Plastics Limited, fejn la s-socjeta` W.J. Parnis England Ltd nomine u lanqas The Cargo Handling Co. Ltd ma setghu kellhom ebda partecipazzjoni.

Infatti mir-rapport ta' Juan Formosa tal-Mediterranean Survey Bureau jirrizulta is-segwenti:

*"CONSIGNMENT*

*"The consignment was shipped as conventional cargo and is covered by Bill of Lading no. 1 issued at the loading port of Izmir (Turkey) on the 10th July 1989. The Bill is remarked "Clean on Board".*

*"The consignment was discharged at Valletta on the 24 and 25 July 1989. Pallets were lifted out of the vessel's holds by means of the vessel's derricks and lowered on the quay. The pallets were then loaded onto attending lorries by means of forklifters.*

*"CLEARANCE*

*"Clearance from the Port Area was affected on the 24 and 25 July 1989 by direct delivery. Gate-passes issued on these dates show that a quantity of pallets were short-received (6) whilst a number of pallets were cleared in a damaged state …."* [sottolinear ta' din il-Qorti].

Mar-rapport tieghu x-xhud Formosa esebixxa diversi ritratti tal-merkanzija kif kienet tinsab fil-fabbrika tas-socjeta General Plastics Ltd u dwar dawn jispjega li: "*Id-daqqiet tal-fork-lift jidhru bhala toqob fir-ritratti esebiti fir-rapport. L-ewwel ritratt juri t-tip tal-hsara kkawzata billi l-pallets jitpoggew fuq xulxin, it-tieni ritratt juri ticrita kkawzata minn fork-lift. It-tielet ritratt juri kif kienu stivati l-pallets fil-fabbrika, peress li xi pellets kienu miksurin. Ir-raba' ritratt juri xi xkejjer imqattghin u fl-ahhar ritratt jidher ftit min-nuqqas li kien hemm li kien inxerred mal-art. Dan ma jistax jintuza peress illi jkun thammeg.*"

Minn dan jidher li l-hsara fil-merkanzija setghet ukoll grat bil-mod kif il-*pellets* gew mqeghda fuq xulxin, b'mod li setghet grat hsara minhabba f'hekk, u mhux car min kien responsabbli ghal dan l-"i*stacking*".

Minn dan kollu jidher li l-kwistjoni ta' responsabbilita` ghadha mhux cara u jista' jkun hemm apporzjonament bejn diversi partijiet, inkluza possibilment l-istess socjeta` importatrici, tad-danni reklamati. Din, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija raguni eccezjonali li tobbliga lil din il-Qorti tirrimetti l-kawza lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti terga' tezamina mill-gdid il-kaz u tiddeciedi skond il-provi prodotti biex b'hekk issir gustizzja. Dan qed jinghad anke b'rispett lejn il-principju tad-"*doppio ezame."*

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghda thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvia l-atti lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti, terga' tezamina l-kwistjoni fil-kuntest ta’ dak li nghad hawn fuq. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom fic-cirkostanzi jigu sopportati terz kull parti (Joseph Naudi Montaldo, Joseph Bowman u The Cargo Handling Co. Ltd.).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------